# L-Importanza tal-Ewkaristija fil-ħajja tan-nisrani

Żgur li t-tlett xhur li għaddew kienu xhur straordinarji mmens għad-dinja kollha. Mat-tokki ta' nofs il-lejl fil-bidu ta' din is-sena 2020 ħadd qatt ma kien jobsor li 3 xhur wara ser nispiċċaw magħluqin fi djarna minħabba virus. Virus li kien kapaċi jwaqqaf id-dinja inkluż lis-soċjetà' Maltija.

Kienet għafsa ta' qalb meta sirna nafu li l-knejjes kellhom jagħlqu l-bibien tagħhom għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Minn dak il-ħin li ħarġu d-direttivi l-isqfijiet tagħna bdiet il-ħidma tagħna l-patrijiet biex nibdew nitrassmetu l-quddies live 3 darbiet kuljum, u r-reċita tar-rużarju kuljum fid-9p.m. permezz tal-paġna tal-Facebook tal-Kunvent u l-knisja tagħna mill-għada fis-7:30a.m.

Minkejja li rnexxielna nikkomunikaw magħkom u nibqgħu inxandrulkom il-kelma t'Alla, xorta waħda kien hemm in-nuqqas kbir tas-sens komunitarju. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija hija minna nfisha ċelebrazzjoni ta' komunità li tiltaqa' flimkien biex tfaħħar lil Alla u titmantna' bil-kelma t'Alla u l-Ewkaristija mqaddsa. Kien mument ta' ferħ kbir għalina l-patrijiet meta fil-festa ta' Corpus Christi kellna l-opportunità li nerġgħu niċċelebraw l-Ewkaristija flimkien bħala komunità.

Jalla dan iż-żmien diffiċli li lkoll għaddejna minnu jibqa' jfakkarna fl-importanza li bħala nsara ma' nistgħux nimxu wara Ġesù mingħajr is-sehem tagħna fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. L-ewwel komunitajiet insara fil-bidu tal-Knisja kienu jagħtu importanza kbira għal-laqgħa tagħhom madwar il-mejda tal-kelma u l-Ewkaristija li huma l-għajn minn fejn in-nisrani jixrob biex ikun jista' jkompli l-mixja tiegħu bħala kristjan fid-dinja.

Ejjew flimkien inħarsu l'quddiem biex inkomplu naħdmu biex verament inkunu dixxipli vera ta' Ġesù u ngħinu lil xulxin biex nikbru fil-qdusija tagħna.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil dawk kollha li taw l-għajnuna tagħhom biex matul it-tlett xhur tal-pandemija stajna nkomplu nwasslulkom il-kelma t'Alla u nkunu magħqudin magħkom fit-talb matul iż-żmien diffiċli li għaddejna minnu.

P. Aaron Zahra OP
Pirjol

WWW.OPBIRGU.ORG
FB.COM/OPBIRGU
BIRGUOP@GMAIL.COM

# Mit-Telgħa tal-Lunzjata

ĦARĠA NRU. 9 Lulju 2020



# MID-DJARJU TAL-KNISJA TAL-LUNZATA

Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju – L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar
Fis-7p.m. Adorazzjoni b'meditazzjoni fuq il-kitbiet ta' Santa Katarina ta' Siena fl-Oratorju fil-kunvent.

Is-Sibt 4 ta' Lulju – Niċċelebraw it-tifkira tal-Beatu Pier Giorgio Frassati OP.

It-Tlieta 7 ta' Lulju – it-8 –il Tlieta ta' Missierna San Duminku
6p.m. Rużarju
6:30p.m. Quddiesa bl-omelija u wara tingħad il-kurunella, litanija, antifona u barka sagramentali.

Il-Ħamis 9 ta' Lulju – Niċċelebraw it-tifkira ta' San Ġwann tal-Kolonja OP u sħabu martri.

It-Tlieta 14 ta' Lulju – id-9 –il Tlieta ta' Missierna San Duminku
6p.m. Rużarju
6:30p.m. Quddiesa bl-omelija u wara tingħad il-kurunella, litanija, antifona u barka sagramentali.

It-Tlieta 21 ta' Lulju – it-10 –il Tlieta ta' Missierna San Duminku
6p.m. Rużarju
6:30p.m. Quddiesa bl-omelija u wara tingħad il-kurunella, litanija, antifona u barka sagramentali.

L-Erbgħa 22 ta' Lulju – Niċċelebraw il-festa ta' Santa Marija Maddalena, prottetriċi tal-Ordni Dumnikan.

It-Tlieta 28 ta' Lulju – it-11 –il Tlieta ta' Missierna San Duminku
6p.m. Rużarju
6:30p.m. Quddiesa bl-omelija u wara tingħad il-kurunella, litanija, antifona u barka sagramentali.

## SERVIZZI FIL-KNISJA TAGĦNA

* Ħinijiet tal-Quddies:
  Nhar ta' xogħol: 7:30a.m., 10:00a.m., 6:15p.m.
  Nhar ta' Ħadd: 8:00a.m., 10:00a.m. u f'12:00a.m.

* Ikun hemm servizz ta' qrar qabel kull quddies.

* Għat-tqarbin jew qrar tal-morda kellem lil P. Tonio Mallia Milanes.

* L-intenzjinijiet tal-Quddies issir ma' Fra Xmun jew il-Pirjol.

## Festa ta' San Duminku fil-Birgu
## 30 t'Awwissu 2020

Quddiesa Solenni u Pellegrinaġġ bil-vara ta' San Duminku akkumpanjat mill-Banda Prince of Wales Own